MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## PHILIP MANDUCA

Seduta tat-12 ta' Marzu, 2003

Talba Numru. 916/2001/1

**Maltacom Plc**

**Vs**

**Isabelle Caruana**

**It-Tribunal**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenuta ghall-hlas ta' Lm1,234.78c (elf, mitejn u erbgha u tletin lira Maltin u tmienja u sebghin centezmu) ammont dovut lis-socjeta' attrici in konnessjoni mas-servizz telefoniku bin-numru 378442 skond ma jirrizulta mid-dokument anness ma' l-Avviz u mmarkat Dok. A u liema servizz gie nstallat fil-fond Entrance B, Flat 3, Binja Hesri, 21 ta' Settembru, San Gwann u dana skond ma jidher mis-'service agreement' anness ma' l-Avviz u mmarkat Dok. B.

Illi l-konvenuta giet interpellata diversi drabi sabiex tghaddi ghall-hlas izda baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra ufficcjali datata 2 ta' Awwissu, 2000 bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data tal-ittra ufficcjali.

Ra li l-konvenuta baqghet kontumaci ;

Sema' li l-ammont ghadu dovut;

Fic-cirkostanzi, t-Tribunal jilqa' t-talbiet attrici, kif kontenuti bl-ispejjez u l-interessi skond il-Ligi.

--------------------------------TMIEM--------------------------------